


# Anniversarji mużikali għas-sena 2016

*Is-Sur Peter Paul Ciantar*

Is-sena 2016 ukoll hija sena li fiha diversi anniversarji mużikali li għandhom jinkoraġġixxu lill-organizzaturi tal-kunċerti biex jorbtu l-mużika li jippreżentaw ma' dawn l-anniversarji. Ħaġa bħal din tista' tgħin lill-promoturi għax tagħti aktar interess fl-għażla tal-mużika.

Huwa fid-dmir tagħna li bħala xandara, aħna wkoll nitfgħu dawl qawwi fuq dawn l-anniversarji mużikali: is-semmiegħa u t-telespettaturi jieħdu pjaċir bihom. Niftakarni sewwa li meta kellna l-istazzjon tal-mużika 'F.M.Bronja' konna nippreżentaw sensiliet sħaħ iddedikati lil xi kompożitur li tiegħu nkunu qed infakkru xi anniversarju speċjali.

**Paolo Tosti - Mitt sena mill-mewt tiegħu**



Din is-sena għandna lil Paolo Tosti, il-famuż kompożitur ta' dawk il-kanzunetti sbieħ u klassiċi Taljani, fosthom il-kanzunetta Naplitana li tħoll il-qlub 'Marechiare'. Din is-sena nfakkru l-mitt sena mill-mewt ta' Sir Paolo Tosti: miet fit-2 ta' Diċembru 1916, fl-età ta' 70 sena.

Paolo Tosti kien Taljan iżda wara sar ċittadin u kompożitur Ingliż. Studja mal-famuż kompożitur Saverio Mercadante. Miegħu studja l-vjolin, il-pjanu u l-kompożizzjoni. Mercadante kien impressjonat bil-kapaċitajiet ta' Tosti, tant li laħħqu 'għalliem/ student' b'salarju fix-xahar tajjeb ħafna għal dawk iż-żminijiet.

Iżda l-bidu ta' Tosti fil-qasam tal-kompożizzjoni ma kien xejn feliċi. Kien marradi ħafna, hekk li kellu jieqaf mill-istudju tiegħu u minn fuq is-sodda tal-mard huwa kkompona diversi kanzunetti Taljani - erbgħa minnhom bagħathom lid-ditta Ricordi iżda dawn ma ġewx aċċettati.

Wara l-mard, Tosti mar Ancona u hemm ħass sewwa t-toqol tal-faqar tant li kien jiekol biss ħobż tal-istat u larinġ li kien jiddobba.

Wara mar Ruma u hemm ħajtu bdiet tieħu dehra ġdida. Il-fortuna bdiet tmellsu . Iltaqa' mal-pjanista/ kompożitur Giovanni Sgambati u hekk kif dan ra t-talent tiegħu rranġalu kunċert fis-sala Dante. Għall-kunċert kien hemm preżenti l-Prinċipessa Margerita ta' Savoja (aktar tard ir-Reġina tal-Italja). Din kienet impressjonata bit-talent tiegħu u laħħqitu professur tal-kant u kuratur tal-arkivji mużikali fil-palazz tagħha.

**Tosti f'Londra**

Fl-1875, Tosti mar Londra u hemm sar ħabib ma' persuni ta' awtorità li introduċewh mal-klassi għolja Ingliża, hekk li ħames snin wara sar surmast tal-kant tal-Familja Rjali. Hawn il-fama tiegħu ta' kompożitur tal-kanzunetti qabdet sewwa r-ritmu tagħha, tant li fl-1885 Paolo Tosti kien meqjus bħala l-aqwa kompożitur tal-kanzunetti fl-Ingilterra. Il-pubblikaturi kienu jħallsuh sewwa biex jiktbilhom tnax- il kanzunetta fis-sena.

Mhux hekk biss. Fl-Ingilterra Tosti ngħaqad mar-*Royal Academy of Music* bħala Professur u fl-1906 sar ċittadin Ingliż u ngħata t-titlu ta' Sir mill-ħabib tiegħu r-Re Dwardu VII.
Iżda Paolo Tosti f'qalbu baqa' Taljan u tliet snin qabel

miet irritorna lejn art twelidu l-Italja fejn miet f'Ruma mitt sena ilu.

Il-kanzunetti ta' Paolo Tosti huma verament klassiċi: huma kanzunetti tassew espressivi kkaratterizzati minn melodji naturali u ħelwin. Il-versi tal-kanzunetti tiegħu huma versi mirqumin sewwa u magħżulin bl-akbar reqqa. Tosti kien jagħti attenzjoni speċjali lill-vrus għall-kanzunetti tiegħu. Fil-fatt huwa jagħmel użu minn mitt poeta Ewropew fil-kanzunetti miktubin minnu.

Dan il-kompożitur - li beda minn fuq is-sodda tal-mard u kompla b'faqar kbir - sar wieħed mill-aqwa kompożituri tal-kanzunetti immortali, hekk li ħafna mill-kanzunetti tiegħu għandhom fama internazzjonali; fil-fatt ġew tradotti f'diversi lingwi.

Il-kanzunetti ta' Paolo Tosti huma għall-vuċi b'akkumpanjament fuq il-pjanu. Huwa kien surmast fl-arti tal-vuċi tant li ħafna mill-kantanti kbar tal-opra kienu u għadhom jixxalaw b'dawn il-kanzunetti ta' Tosti. Insemmi wkoll li ħafna kantanti operistiċi jqisu l-kanzunetti ta' Tosti bħala xi arja operistika. Dnub li Paolo Tosti qatt ma kkompona opra!

**Francesco Cilea - 150 sena minn twelidu**

U la semmejna l-opra, indawwar il-kitba tiegħi fuq il-kompożitur tal-opra Francesco Cilea li twieled 150 sena ilu. Twieled fit-23 ta' Lulju 1866 u miet ta' 84 sena.

Id-dinja tal-opra tħares lejn dan il-kompożitur Taljan bħala l-kompożitur ta' żewġ opri 'L'Arlesiana' u 'Adriana Lecouvreur' u l-oħrajn xejn. Għalhekk forsi issa huwa l-waqt li nqallbu l-arkivji mużikali ta' Cilea bil-ħsieb ta' dan l-anniversarju tiegħu.

Meta Francesco Cilea kien għadu student f'Napli, huwa ppreżenta l-ewwel opra tiegħu bl-isem 'Gina'. Kienet suċċess tant li d-ditta magħrufa ħafna 'Sonzogno' ikkumissjunatu għal opra oħra. Din kellha tkun 'La



Tilda' li wkoll f'dawk iż-żminijiet kienet suċċess fit-Teatro Pagliano Firenze. Hawn Francesco Cilea kellu biss 26 sena.

Iżda l-ewwel suċċess kbir ta' Cilea wasal fis-sena 1897 bl-opra tiegħu 'L'Arlesiana' li għadha ħajja fir-repertorju operistiku. Ħames snin wara wasal l-akbar suċċess ta' Francesco Cilea, 'Adriana Lecouveur'. Fl-opinjoni tiegħi din hija l-akbar opra tiegħu u għaldaqstant għadha ħajja fir-repertorju operistiku u ta' spiss tidher fit-teatri.

Iżda Cilea huwa wkoll il-kompożitur tal-aħħar opra tiegħu 'Gloria'(1907) li wkoll kellha produzzjoni suċċess fit-Teatru alla Scala Milan ... iżda llum qajla tisma' dwarha.

Francesco Cilea huwa kompożitur ta' aktar minn hekk. Pereżempju fost oħrajn għandu valz sabiħ ħafna; għandu sonata għall-vjolinċell u l-pjanu; romanza in La maggiore; u fuq kollox għandu wkoll poema sinfonika f'ġieħ Giuseppe Verdi.

Lejla fit-Teatru Manoel f'ġieħ Francesco Cilea - il-kompożitur tal-mużika emozzjonali - fl-okkażjoni tal-150 sena mit-twelid tiegħu għandha tkun attrazzjoni.

PAUL VELLA
TAL-QATRAN LTD.
Tel: 2124 3105 - 2126 6826
Mob: 9949 3295